Nru. 1001

TISMIJA TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna t-tismija tat-toroq kif speċifikat u indikat hawn taħt.

No. 1001


NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed the naming of the streets as specified and indicated hereunder.

BIRŻEBBUĠA

Trejqa fi Triq il-Fortizza, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:


TREJQET WIED IX-XOQQA



IL-KALKARA

Parti minn Triq Santu Rokku li tibda k/m Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u tispiċċa k/m Triq Santu Rokku, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TREJQET TAL-KEJLA



IL-KALKARA

SANZJONAR

Sqaq komunement magħruf bħala Sqaq Ta' Tewma li jibda k/m Triq Santu Rokku u jispiċċa k/m Triq Joseph Calleia, indikat b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:


SQAQ TA' TEWMA



MARSASKALA

Triq ġdida komunement magħrufa bħala Sqaq il-Ħarruba li tibda k/m Triq il-Qrempuċ u tispiċċa fi Sqaq San Ġwakkin, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ IL-ĦARRUBA



PAOLA

Ġnien mingħajr isem uffiċjali li tidħol għalih minn Triq San Alwiġi, indikat fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:


ĠNIEN SILVIO PARNIS
EKS-SEGRETARJU PARLAMENTARI
1965 - 2023



ĦAL SAFI

Triq mingħajr isem uffiċjali li tibda minn k/m Triq Piju Zammit u tispiċċa k/m Triq San Ġorġ, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ TA' AMPARELL




ĦAL SAFI

BDIL FL-ISEM

Sqaq Tal-Palma li jibda k/m Triq Ta' l-Ajżar, indikat b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma:

TRIQ TAL-PALMA



It-18 ta' Lulju, 2023

Nru. 1002

ATT DWAR IL-PERITI
(KAP. 390)

NGĦARRFU b'din illi b'digriet mogħti fit-12 ta' Lulju, 2023, u skont l-Att dwar il-Periti (Kap. 390) u skont il-proċeduri kif stipulati taħt il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 390.01, il-Bord tal-Warrant tal-Periti ordna l-inabilitazzjoni temporanja u sospensjoni temporanja tal-warrant tal-Perit David Psaila (numru tal-warrant 200), għal perjodu ta' erba' (4) xhur b'seħħ mit-18 ta' Lulju, 2023.

18th July, 2023

No. 1002

PERITI ACT
(CAP. 390)

IT is hereby notified that by a decree dated the 12th July, 2023, and in accordance with the Periti Act (Cap. 390) and in accordance with the procedures as stipulated under Subsidiary Legislation 390.01, the Bord tal-Warrant tal-Periti ordered the temporary incapacitation and suspension of the warrant of Perit David Psaila (warrant number 200) for a period of four (4) months with effect from 18th July, 2023.

It-18 ta' Lulju, 2023

Nru. 1003

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq Suffolk, Pembroke (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 7877);

Misraħ il-Paċi, Pembroke (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 7878);

Triq Gioacchino Le Brun, Pembroke (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 7879);

Triq Luigi Billion, Pembroke (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 7880);

18th July 2023

No. 1003

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN VIRTUE of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq Suffolk, Pembroke (indicated on site plan on page 7877);

Misraħ il-Paċi, Pembroke (indicated on site plan on page 7878);

Triq Gioacchino Le Brun, Pembroke (indicated on site plan on page 7879);

Triq Luigi Billion, Pembroke (indicated on site plan on page 7880);